II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/1189

tas-6 ta' Awwissu 2020

li jistabbilixxi l-għeluq tas-sajd għar-redfish fiż-żona 3M tan-NAFO għall-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 [2] jistabbilixxi l-kwoti għall-2020.

(2) Skont l-informazzjoni li rċeviet il-Kummissjoni, il-qabdiet tal-istokk tar-redfish fiż-żona 3M tan-NAFO mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew li huma rreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2020.

(3) Għalhekk jeħtieġ li jiġu pprojbiti ċerti attivitajiet tas-sajd għal dak l-istokk,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Eżawriment tal-kwota

Il-kwota tas-sajd allokata lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea għall-istokk tar- redfish fiż-żona 3M tan-NAFO għall-2020 msemmija fl-Anness għandha titqies bħala eżawrita mid-data stabbilita f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Projbizzjonijiet

L-attivitajiet tas-sajd diretti għall-istokk imsemmi fl-Artikolu 1 mill-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew li huma rreġistrati fih, għandhom ikunu pprojbiti mid-data stabbilita fl-Anness.

---

[1] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1.

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/123 tas-27 ta' Jannar 2020 li jistabbilixxi għall-2020 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut u ċerti gruppi ta' stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni (ĠU L 25, 30.1.2020, p. 1).

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Awwissu 2020.

Għall-Kummissjoni
F'isem il-President
Virginijus SINKEVIČIUS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Nru	09/TQ123
Stat Membru	L-Unjoni Ewropea (L-Istati Membri kollha)
Stokk	RED/N3M.
Speċi	Redfish *(Sebastes* spp.)
Żona	3M tan-NAFO
Perjodu tal-għeluq	Id-19 ta' Lulju 2020 f'24.00 UTC